MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 277/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Noel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fl-10 t'Ottubru, 2004 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifika fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta awtorizzat li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu

ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101 u t-Tielet Skeda tieghu, w ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu ghal tmin xhur prigunerija li minnha ghandu jinqata' kull zmien taht arrest, u ghall-hlas ta' multa ta' €700, liema multa tista' tithallas b'rati ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien xahar mil-lum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhix imhallsa.
Ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' €337.50 bhala hlas ta' l-espert imqabbad matul il-proceduri, liema hlas irid jithallas fi zmien xahar inkella jkun mibdul fi prigunerija skond il-Ligi.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 t'Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess semplici thassar l-istess sentenza fejn iddikjarat li tali pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w konsegwentement tvarja l-piena mposta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-uniku aggravju tal-appellant hu li l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti erronjament wassal

ghas-sejbien ta' htija li l-eroina kienet mhux ghall-uzu esklussiv tal-appellant. L-Ewwel Qorti strahet fuq tlitt konsiderazzjonijiet sabiex issib il-htija li pero', mill-assjem tal-provi, ma setghux iwasslu sabiex legalment u ragonevolment tinstab htija tal-imputazzjoni kif addebitata.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell hu bazat biss fuq l-apprezzament tal-provi hazin maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appelli Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **“R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the*

*conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll* ***BLACKSTONE'S CRIMINAL*** **PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . "*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-unika imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi traskritti rrizulta li fl-10 t' Ottubru , 2004, l-appellant kienu nstabulu fil-but tax-xellug tieghu 21 qartas, li skond l-espert tal-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud kienu jikkontjenu eroina li l-purita' taghha kienet ta' 35% f' piz totali ta' 1.19 grammi. Dan wara li l-Pulizija kienu segwewh u osservawh jaghmel kuntatt ma persuni ohra

fil-pjazza taz-Zejtun. Wara li l-appellant kien dahal minn go sqaq li jaghti ghall-wara l-Knisja taz-Zejtun, gie f' *parking area* fuq in-naha ta' wara tal-Knisja w wara li dar xi erba kantunieri kien gie mwaqqaf minn PC 706 Norman Cremona. Saritlu tfittxija quddiem PS Antoine Micallef u nstabet id-droga msemmija.

Wara l-arrest tieghu, l-appellant ittiehed il-*lock up* u hemm, wara li x-xhud PC 246 Vincent Cesare kien qallu biex jikkoopera mal-Pulizija, wara xi nofs siegha l-appellant baghat ghalih u qallu : ***"Iva veru , jiena mort iz-Zejtun biex nipprova imbieghhom."*** Qallu biex jghid lill-Ispettur b' dan id-diskors, haga li x-xhud kien ghamel.

Fl-istqarrija tieghu, l-appellant kien qal li kien ilu bil-vizzju tad-droga. Fix-xaharejn qabel l-arrest kien raga' beda jiehu din id-droga Kien jiehu pakkett tal-*five* kulljum u li l-pakketti li sabulu l-Pulizija kienu kollha tal-*five*. Il-flus biex jixtri l-eroina kienet tatihomlu ommu w kien fadallu ukoll xi flus mill-paga li kien jaqla' qabel ma spicca mix-xoghol. Qal li l-qratas li sabulu l-Pulizija kien ser johodhom hu. Kien hallas LM35 ghal madwar zewg grammi w flok xtara *slipper* kien xtara d-droga. Mid-droga li kien xtara hareg 22 pakkett. Kien xtara d-droga l-Gimgha, qassamha fi qratas is-Sibt u ha wiehed il-Hadd qabel ma qabduh il-Pulizija b' 21 qartas fuqu. Hu nnega li kien qal lil PC 246 Cesare li kien mar il-pjazza taz-Zejtun biex jipprova jbiegh dawn il-qratas.

L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti.

Xehedu wkoll numru ta' xhieda prodotti mid-difiza li kkonfermaw li l-appellant kien jiehu d-droga w li ghalkemm kien ipprova johrog mill-vizzju, rega' rkada. L-Ispettur Dennis Theuma, in kontroezami, xehed li ma jidhrix li nstabu flus fuq l-appellant u li mit-tfittxijiet ulterjuri li saru ma nstab xejn aktar t' abbuz ta' droga ghand l-appellant. Fl-ahhar erba snin ma regax deher l-appellant bhala bniedem li jittraffika d-droga.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Marius Magri'** [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"** [2.9.1999].)

Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *"hard and fast rule*" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** [23.5.2002]).

Illi fis-sentenza motivata taghha l-Ewwel Qorti esponiet il-fatturi kollha kemm dawk kontra kif ukoll favur l-appellant u waslet ghall-konkluzzjoni li c-cirkostanzi kienu tali li juru li d-droga maqbuda ma kienetx intiza ghall-uzu esklussiv tal-appellant u dana b'emfasi tal-istess Qorti li ma kellha ebda dubju dettat mir-raguni dwar dan..

L-Ewwel Qorti semmiet b' mod partikolari it-tqassim tad-droga eroina f' 21 qartas ta' daqs pratikament identiku, l-fatt li dawn instabu kollha f' daqqa u fuq il-persuna tal-appellant meta hu kien barra minn daru w fuq kollox l-ammissjoni tieghu ma PC 246 Cesare, li l-Ewwel Qorti semghetu jixhed u qalet li kienet qed ***"temmnu kompletament".***

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti tqis u tara li anki jekk l-appellant kellu l-vizzju tad-droga, mhux plawsibbli li hu joqghod jiggerra barra bl-istock shih ta' droga li skondu kien xtara jumejn qabel sakemm ma kellux il-fini li jbiegh minn din id-droga maqsuma fi qratas lesti ghall-biegh u konsenja. Apparti dan, din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temmen ix-xieha guramentata ta' PC 246 Cesare dwar l-ammissjoni, kontra dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Il-konsiderazzjonijiet l-ohra li ghamlet id-difiza biex xhieda li tellet ma jeskludux li c-cirkostanzi ta' dak in-nhar kienu jindikaw li l-pussess ta' dawn il-qratas bl-eroina ma kienx ghall-uzu esklssiv tal-appelant. Fil-maggor parti taghhom huma bazati fuq *"hearsay evidence"* ta' x' qalu jew ma qalux il-persuni l-ohra li kien hemm fil-pjazza meta kellmuhom il-Pulizija w provi negattivi bhal fatt li ma nstabux flus ghand l-appellant jew apparat konness mad-droga, li ma jeskludux il-prova skjaccanti rizultanti mis-sejbien tad-droga imqassma f' 21 qartas, barra it-triq fi pjazza, jum il-Hadd.

Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti li kellha l-vantagg li semghet ix-xhieda *viva voce* u setghet taghmel ahjar l-apprezzament tal-provi.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *ut sic* u f' kull kaz din tirrazenta l-minimu ta' sitt xhur prigunerija preskritt mil-ligi. Ghalhekk zgur li ma hix wahda manifestament eccessiva jew li tohrog mill-parametri tal-ligi, konsidrata ukoll il-fedina penali refrattarja tal-appellant.

Ghal dawn l-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------